MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Numru. 774/2005

**Il-Pulizija**
**Supretendent Carmelo Bartolo**

**vs**

**Joseph Gatt**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Gatt ta’ 54 sena, iben Lawrence u Carmela nee’ Briffa, imwieled Attard nhar it-22 ta’ Novembru 1950 u residenti 26, Triq Joseph A. Decon, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 975850(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta’ Lulju 2003, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

B’ mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh bi hsara ta’ haddiehor, u cioe’ il-kumpanija Qatar insurance Company Ltd u/jew il-kumpanija Untours Insurance Agents Ltd.

Qed jigi akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 27 ta’ Lulju 2007 (esebita a fol. 96 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali ;
b) fl-artikoli 308 u 310(1) tal-Kodici Kriminali ;
c) fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta’ Mejju 2008, l-imputat iddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin.L-investigazzjoni tal-Pulizija kellha 'l-bidu taghha meta Dott. Joseph Micallef Stafrace LL.D ghan-nom ta' Untours Insurance Agency Ltd. kien talab il-Pulizija Esekuttiva permezz ta' ittra datata 10 ta' Lulju 2003 (kopja relattiva inserita a fol. 81 u 82 tal-process) sabiex tinvestiga claim li kien ghamel mal-imsemmmija socjeta' assikuratrici l-imputat Joseph Gatt fid-9 ta' Lulju, 2003, dwar kollizjoni sehhet fis-6 ta' Gunju, 2003 bejn il-vettura DAU-171 misjuqa mill-akkuzat Joseph Gatt u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAT-158 misjuqa minn certu Carmel Azzopardi, liema kollizjoni kienet sehhet f' Hal-Qormi dakinhar stess. F'din il-korrispondenza, Dott. J. Micallef Stafrace kien informa lil Pulizija illi 'l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAU-171, kienet koperta b'polza ta' sigurta ma Qatar Insurance Co.Ltd. liema polza kienet tiskadi fit-30 ta' April, 2003. Huwa kien zied jghid ukoll illi fis-6 ta' Gunju, 2003, fl-10:14 ta' filghodu din il-polza ta' assikurazzjoni kienet giet rinovata u b'hekk giet valida sa nhar it-30 ta' April, 2004. Dott. J. Micallef Stafrace zied jinforma lil Pulizija illi permezz ta' ittra datata 24 ta' Gunju, 2003, Altas Insurance Agency Ltd. ghal AXA Insurance kienu talbu lil Joseph Gatt sabiex jaccetta ir-responsabilita ghal incident stradali in kwistjoni. Il-kwerelant kien zied jghid illi meta Joseph Gatt mar ghameil il-claim ghand il-kumpanija assikuratrici tieghu, kien gie mgharraf mill-impjegat is-sur Daniel Wright, li peress li 'l-polza tieghu kienet tibda mill-10:14 ta' filghodu tas-6 ta' Gunju, 2003, ma kienx kopert ghal dan l-incident peress li skond ir-Road Accident Report tal-Pulizija (R.A.R), din il-kollizzjoni kienet saret fid-9:15 ta' filghodu. Kien ghalhekk li dak il-hin Joseph Gatt telaq il-barra u wara xi hin rega' irritorna lura b'Road Accident Report (R.A.R) emendat, u awtentikat b'timbru ta' l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, liema emenda kienet fis-sens li din id-darba il-hin tal-kullizzjoni, kien indikattiv li 'l-kollizzjoni kienet saret fl-10:30 ta' filghodu u mhux fid-9:15 ta' filghodu. Tali korrezzjoni kienet saret bil-biro u kienet giet inizjalata mill-Ufficjal tal-Pulizija. Kien ghalhekk li 'l-kwerelant talab sabiex issir investigazzjoni sabiex tigi determinata l-verita dwar il-hin li fih sehh l-incident stante li fuq l-iskizz relattiv ghall-

incident kien ghad hemm indikat il-hin tad-9.15am bhala l-hin tal-incident.

A bazi ta’ din l-informazzjoni l-Ufficjal Prosekutur xehed li huwa kien kellem lis-surgent 1338 Noel Apap, u cioe’ is-surgent li nvestiga l-kollizzjoni u li acceda fuq il-post, kellem lil partijiet involuti, hejja l-iskizz u r-rapport relattivi peress li kien huwa li kien mar l-ewwel fuq il-post tal-kollizzjoni. Dan is-surgent xehed li kien mar fuq il-post tal-kolizzjoni wara telefonata li kienet waslet il-Pulizija ta’ Hal-Qormi mill-kamra tal-kontroll tal-Pulizija fid-Depot li kienet sehhet din il-kollizzjoni. Meta mitkellem mill-ufficjal prosekutur huwa ma bediex jiftakar bl-amment il-hin meta giet irrapurtata din il-kollizzjoni, izda meta ikkonsulta il-prime note tieghu, irrizultalu li l-kollizzjoni kienet giet irrapurtata ghal habta tad-9:30am. Meta dan is-surgent gie mistoqsi jekk kienx huwa li kien ghamel l-emmenda bil-biro fil-hin ta’ l-incident, huwa cahad dan b’mod kategoriku. Fil-fatt kien irrizulta illi meta saret din l-emmenda huwa kien off-duty u kien qed jaghmel xoghol ‘extra’ tal-korp fi bnadi ohra.

Carmel Azzopardi u cioe’ sid il-vettura HAT-158 li kien involut f’ din il-kollizzjoni kien ikkonferma lil Pulizija li l-kollizjoni kienet saret ghal habtiet tad-9:00 ta filghodu u kien qalilhom li huwa kien cempel lil Pulizija tal-Control Room tal-Pulizija mill-linja cellulari tieghu li ggib in-numru 99487769 ftit hin qasir wara li kienet sehhet il-kollizjoni in kwistjoni. Meta xehed f’dawn il-proceduri Azzopardi ma ftakarx il-hin ezatt li fih kienet sehhet il-kollizzjoni izda ikkonferma li immedjatament malli sehhet l-istess kollizzjoni kien cempel l-ewwel fuq in-numru tal-enquiries 1182 sabiex jitlob in-numru tal-control room u imbaghad cempel il-control room. Dawn it-telefonati jirrizultaw elenkati fit-tabulati telefonici li gew edebiti in atti (a fol. 32) u mix-xhieda tar-rapprezentanta tal-Vodafone plc (a fol. 58 u 59 tal-process) minn fejn jirrizulta wkoll li t-telefonati saru fid-9.11am.

Mid-dettalji dwar records fis-sistema tal-komputer tal-Pulizija rrizulta li saru diversi tibdiliet fir-rapport rigwardanti l-kollizzjoni in dizamina u rrizulta li dawn it-tibdiliet kienu

saru mis-surgent tal-Pulizija 431 Mario Montesin li dak iż-zmien kien surgent fl-ufficju fl-Ghassa tal-Belt u kien il-persuna li sab l-imputat meta mar sabiex isiru t-tibdiliet. Irrizulta ukoll li l-bdil fil-hin tal-kollizzjoni bil-biro kien sar minn dan is-surgent u inizjalat u ittimbrat minnu stess. Meta dan is-surgent gie investigat mill-ufficjal prosekutur dan minn naha tieghu spjega l-affarijiet kif sehhew. Huwa spjega li verament ghamel dawn it-tibdiliet fir-rapport ghax kien irrizulta li meta is-surgent 1338 Noel Apap dahhal id-dettalji fir-rapport tas-sidien tal-vetturi, kien ha xi zbalji u kien ghalhekk li irrangahom ghax kien evidenti li dawn kienu zbalji genwini. B'hekk meta l-imputat attira l-attenzjoni tas-surgent Montesin u qallu li 'l-hin ta' l-incident kien skorrett, is-surgent Montesin haseb li dan kien zball iehor u ghalhekk ghamel it-tibdil fil-hin tal-kollizzjoni bil-biro. Is-surgent indika l-identita' tieghu hdejn it-tibdil tal-hin b'mod li setghet tigi determinata facilment l-identita' tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati (esebiti a fol. 24 sa 31) l-imputat sostna li l-kollizzjoni kienet sehhet fl-10.30am u kien ghalhekk li huwa kien talab lil Pulizija sabiex jaghmel it-tibdil fil-hin. Huwa spjega wkoll li r-rapport kellu diversi zbalji bhal per ezempju in-numri tal-vetturi kienu maqlubin fis-sens illi fejn kien hemm indikati d-dettalji tieghu kien hemm in-numru tar-registrazzjoni tal-persuna li kienet habtet maghha u vice versa. L-imputat cahad li Daniel Wright kien qallu li ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni ghaliex il-hin tal-incident kien fid-9.15am u ghalhekk qabel il-hin tal-10.15am li fih giet imgedda il-polza tal-assikurazzjoni relattiva u qal li huwa kien induna bl-izball fil-hin waqt li kien qed jistenna fil-waiting room tal-assikurazzjoni u kien ghalhekk mar ghand il-Pulizija sabiex isir it-tibdil fil-hin. L-imputat spjega wkoll li dakinhar tal-incident huwa kien telaq mid-dar tieghu f'San Gwann akkompanjat minn bintu Marie Claire Gatt li kellha tmur il-Belt sabiex iggedded il-polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura tieghu liema polza kienet skadiet f'April 2003 u huwa kellu jmur H'Attard sabiex igib il-vettura minn garaxx f'H'Attard. Meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza

tat-13 ta' Novembru 2008 l-imputat qal li meta huwa talab it-tibdil fil-hin tal-incident fir-Road Accident Report kien taht l-impressjoni hazina li l-incident kien sar fl-10.30am u li issa jaf li din kienet impressjoni hazina ghaliex ra it-tabulati telefonici tat-telefonata maghmula minn Carmel Azzopardi, u cioe' il-persuna li habat maghha.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:-

*Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa:*

*Izda ebda haga f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi ligi ohra li tipprovdi ghal piena oghla.*

Sabiex jissussisti dan ir-reat irid jigi pruvat li saret dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew li inghata taghrif falz, irid jigi pruvat li dan sar f'dokument jew ghal xi awtorita' pubblika u li d-dikjarazzjoni jew l-ghoti tat-taghrif falz sar sabiex jinkiseb vantagg jew beneficcju. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li dawn l-elementi lkoll jirrizultaw fil-kaz odjern. Mill-provi fil-fatt irrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-incident awtomobilistiku in dizamina fil-fatt sehh fid-9.15am u li ghalhekk il-hin indikat fuq l-istess rapport kien korrett u ma kienx hemm il-htiega li ssir korrezzjoni. Irrizulta wkoll li l-imputat mar jtilob korrezzjoni fil-hin tal-incident wara li gie infurmat mill-impjegat tal-assikurazzjoni tieghu Daniel Wright, li wkoll xehed f'dawn il-proceduri u kkonferma dan il-fatt, fejn dan qallu li ma kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni tieghu stante li din inharget wara li kien sehh l-incident in dizamina. Il-Qorti ma jidirlhiex li tista' temmen il-verzjoni moghtija mill-imputat meta xehed quddiemha u qal li huwa kien taht l-

impressjoni sbaljata li l-incident sehh fl-10.30am u dan jinghad ghaliex a tempo vergine huwa insista mal-Pulizija li l-incident kien sehh fl-10.30am (ara stqarrija) u inoltre cahad li Daniel Wright kien gibidlu l-attenzjoni ghal dan il-fatt. Il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni 'il ghala tiddubita minn dak li xehed Daniel Wright u tinsab moralment konvinta li l-imputat ghamel it-talba ghall-korrezzjoni fil-hin tal-incident sabiex ikun kopert mill-polza tal-assikurazzjoni mahruga minn Untours Insurance li fil-fatt inharget fl-10.15am. Il-Qorti jidrilha li ma hemmx dubju li l-imputat konxjament ta taghrif falz lis-Surgent Montesin fil-mument li talbu jikkoregi r-rapport u jindika il-hin tal-incident bhala l-10.30am, l-anqas ma hemm dubju li t-taghrif falz inghata lil awtorita' pubblika (lil Pulizija Ezekuttiva u f'rapport mahrug mill-istess Pulizija) u li dan it-taghrif falz inghata mill-imputat sabiex jinkiseb vantagg, u cioe' sabiex huwa jkun kopert mill-polza tal-assikurazzjoni mahruga fis-6 ta' Gunju 2003 fl-10.15am. F'dan ir-rigward il-Qorti tixtieq tirrileva li m'huwiex minnu dak sostnut mill-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fejn intqal li il-parti l-ohra kienet accettat it-tort ghall-incident u li ghalhekk l-imputat ma seta' jikseb ebda vantagg bl-ghoti tat-taghrif falz ghaliex ma kienx hemm bzonn li huwa jkun kopert bil-polza tal-assikurazzjoni mahruga mill-Untours Insurance. Dan jinghad ghaliex mix-xhieda tal-imputat stess (a fol. 117) jirrizulta li huwa hallas ghall-hsara kemm fil-vettura tieghu kif ukoll ghal dik fil-vettura tal-persuna li habat maghha u inoltre mix-xhieda ta' Steve Conti, ir-rapprezentant ta' Atlas Insurance, li kienet l-assikurazzjoni ta' Carmel Azzopardi l-persuna li habat maghha l-imputat, (xhieda relattiva inserita a fol. 90 u 91 tal-process) gie stabbilit li l-imputat kien responsabbli ghall-incident u cioe' li l-incident kien sehh minhabba traskuragni jew imperizja da parti tieghu. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-ewwel(1) akkuza tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi u l-imputat qieghed ghalhekk jinstab hati  tal-istess akkuza.

Permezz tat-tieni(2) akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' truffa jew frodi innominata kontemplati fl-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rrizulta pruvat li fil-fatt sar qliegh ghad-dannu ta' terzi u cioe' ma

jissussistix wiehed mill-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reat ta’ truffa. Dan jinghad ghaliex minn imkien mill-provi ma jirrizulta li Untours Insurance, Atlas Insurance jew Carmel Azzopardi effetwaw xi pagamenti in konnessjoni mal-kollizjoni in dizamina.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tielet(3) akkuza l-imputat qed jigi akkuzat li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Din l-akkuza tirrizulta pruvata stante li giet esebita is-sentenza relattiva (a fol. 87 tal-atti) u saret id-debita prova tal-identita’ permezz tax-xhieda tal-Ispettur Kevin Farrugia (a fol. 93 u 94)

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-imputat, li ghalkemm m ‘hijiex wahda netta ma tindikax karattru refrattarju, jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja izda biss il-piena pekunjarja kontemplata fl-Artikolu 188.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-27 ta’ Lulju 2007 u senjatament l-Artikoli 49, 50 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u t-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ hames mitt Ewro (€500). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------